**22 ta' Mejju, 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

George Henry Martin et.

*versus*

Maestro Paolo Nani

**Bejgħ — Patt Sospensiv — Prova jew Assaġġ — Perfezzjoni ta' garanzija.**

*Bejgħ soġġett għall-kondizzjoni li l-oġġett speċifiku mibjugħ ikun "in good working order" ku iżjed bejgħ akkumpanjat b'garanzija espressa milli bejgħ soġġetta għall-kondizzjoni sospensiva. Għalhekk il-bejgħ jiġi perfezzjonat mal-konsenja tal-oġġett. Fi kwalunkwe każ il-kwistjoni jekk l-oġġett ikunx "in good working order" kif imwiegħed mhix ħaġa li hija fid-diskrezzjoni soġġettiva tax-xerrej, imma għandha tiġi valutata oġġettivament, b'mod li jekk l-oġġet mibjugħ ikun materjalment "in good working order" ix-xerrej ma jkunx jista jiddisdiċi dak il-bejgħ.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni; billi l-atturi biegħu lill-konvenut Cabin Cruiser Numru elf erba' mija u sebgħin (1470) bil-prezz ta' elf u seba' mitt lira (£1700), minn lie-

ma prezz il-konvenut hallas is-somma ta' mitejn (£200) akkont tal-istess prezz; billi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas il-bilanċ ta' elf u hames mitt lira (£1500) ghalkemm ġie interpellat b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 1963; u billi peress li l-konvenut irrifjuta l-konsenja tal-istess cabin cruiser l-atturi b'ċedola ta' depositu tat-22 ta' Lulju, 1963, ghaddew biex jiddepositawha fir-Reġistru tal-Qorti talbu li l-konvenut jiġi kkundannat mill-Qorti jhallas lill-atturi s-somma ta' £1500 bilanċ tal-prezz tal-Cabin Cruiser Numru 1470 mibjugh lill-konvenut u depositat fir-Reġistru tal-Qorti kif inghad fuq. Bl-ispejjes kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 1963, kif ukoll taċ-ċedola tat-22 ta' Lulju, 1963, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi kien sar ftehim illi l-cabin cruiser kellha tkun soġġetta ghall-prova u l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jikkonsenjawha f'kondizzjoni perfetta — dak li ma ghamlux u ghalhekk l-eċċipjent ma approvahiex u mhux obbligat bl-ebda mod;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Marzu, 1967 li biha ċahdet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjes kontra taghhom barra dawk tal-periżja li kellhom jithallsu mill-kontendenti bin-nofs.

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni taghhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata fil-meritu u t-talba taghhom tiġi milqugha u, kwantu ghall-ispejjes, jiġi deċiż li l-ispejjes kollha ghandu jbatihom il-konvenut.

Rat ir-risposta tal-*konvenut* li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

L-eċċezzjoni ta' l-appellat fi prim'istanza kienet fis-sens illi —

> "kien sar ftehim illi l-'cabin cruiser' kellha tkun soġġetta għall-prova u (l-appellanti) kienu obbligaw ruħhom li jikkonsenjawha f'kondizzjoni perfetta — dak li ma għamlux u li għalhekk (l-appellat) ma approvahiex u mhux obbligat bl-ebda mod."

Wara li kienu *instemgħu* xi xhieda, fosthom l-appellant Francis Borg, u l-appellat u tressqu xi provi oħra, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet innominat Captain Cyril J. Senior bħala perit tekniku biex, bl-assistenza ta' Dottor Marcel Bianchi, jirrelata fuq il-fondatezza o meno tal-pretensjoni ta' l-appellat **dwar l-allegati difetti fil-cabin cruiser u f'każ affermativ, jiddeskrivi l-istess difetti.**

B'rikors tad-19 ta' Ottubru, 1964 l-appellat talab illi d-digriet tan-nomini tal-periti jiġi revokat u dana peress illi ssottometta illi, għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija, mill-provi li kienu ġa saru kien ġa jirriżulta li kien sar il-ftehim kif allegat minnu u li l-cabin cruiser ma tatx prova tajba: għalhekk ma kienx hemm lok li jiġi konstatat permezz ta' perizja teknika jekk il-cabin cruiser kellhiex difetti.

Din it-talba ta' l-appellat għar-revoka tan-nomina tal-periti — li ġiet opposta mill-appellanti — ġiet bid-digriet ta'

l-ewwel Qorti tat-30 ta' Novembru, 1964 miċħuda "billi l-motiv addott fir-rikors ma jiġġustifikax ir-revoka."

Sussegwentement, irriżulta li biex il-periti jkunu jistgħu jippruvaw il-cabin cruiser u jirrelataw dwar id-difetti allegati mill-appellat, kien jinħtieġ illi jsiru xi xogħolijiet u *spejjes* u qamet kwistjoni min mill-partijiet kellu provviżorjament joħroġ dawk l-ispejjes. In vista ta' dan l-appellat raġa issottometta illi, "qabel isiru spejjes li jistgħu jkunu inutili hemm bżonn li l-perit legali jiġi awtorizzat jirrelata **fuq il-punt jekk il-cabin cruiser kienitx jew le soġġetta għall-prova,** u dan billi, jekk jiġi deċiż illi l-cabin cruiser kienet soġġetta għall-prova **kwalunkwe indaġni oħra hija inutili."**

Eventwalment bid-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 1965, l-ewwel Onorabbli Qorti aderiet għas-sottomissjoni ta' l-appellat, fis-sens li issospondiet l-inkarigu tal-periti u ordnat li l-kawża titkompla tinstema' quddiemha stess fuq *il-kwistjoni* li fuqha kien qed jinsisti l-appellat, ċioè li tiġi qabel xejn deċiża l-eċċezzjoni tiegħu illi "l-vendita kienet soġġetta għall-prova."

Allura instemgħu provi oħra sa kemm fil-verbal tasseduta ta' l-14 ta' Diċembru, 1966, Doctor Sammut għall-appellat iddikjara illi ma kellux provi oħra "**dwar il-kwistjoni jekk il-cabin cruiser kienitx soġġetta o meno għall-prova.**"

Fit-18 ta' Frar, 1967 il-kawża ġiet finalment trattata mill-avukati tal-partijiet u b'ordni ta' l-Qorti ġiet differita għas-sentenza "**fuq il-kwistjoni dwar jekk *il-ftehim* tal-bejgħ kienx soġġett għall-prova**".

**Din** mela kellha tkun il-kwistjoni li kellha tiġi deċiża

mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Bis-sentenza appellata ġie ritenut, favur l-appellat, illi mill-provi rakkolti kien jirriżulta illi l-bejgħ tal-cabin cruiser in kwistjoni, kien soġġett għall-prova. Dan kien jimporta — qalet l-ewwel Onorabbli Qorti — illi l-bejgħ kien soġġett għall-kondizzjoni sospensiva li tirrikjedi f'min jixtri l-approvazzjoni tal-ħaġa mixtrija biex il-bejgħ isir: u l-fatt li l-appellat, wara l-provi li saru, "lost his faith in the boat" kien biżżejjed biex il-bejgħ ma jseħħx."

Iżda fl-istess ħin, fis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament tar-raġunijiet li suppost induċew lill-appellat jirrifjuta l-cabin cruiser u rriteniet illi hu "kien ġustifikat li ma japprovax il-bejgħ għaliex l-effiċjenza tal-cabin cruiser ma kienitx rassiguranti għall-fini ta' l-użu li għalih kienet destinata, u la darba ivverifika ruħu ir-rifjut ġustifikat tal-konvenut il-bejgħ kien ma sarx u (l-appellanti) m'humiex intitolati għall-bilanċ tal-prezz mitlub".

Bir-rispett kollu, din it-tieni konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, li fuqha donnu jidher li prinċipalment ġiet ibbażata ċ-ċaħda tat-talba ta' l-appellanti, jew ma kienitx neċessarja għall-finijiet ta' dak li kellu jiġi deċiż skond il-verbali hawn fuq imsemmija, jew, jekk kienet neċessarja, ma setgħatx, fil-konflitt tal-pretensjonijiet 'hinc inde' dwar li stat tal-cabin cruiser, tiġi ġustament milħuqa mingħajr il-perizja li ġiet sospiża appuntu biex tiġi fl-ewwel lok deċiża l-kwistjoni riżervata għas-sentenza.

Kif, din il-Qorti tifhem it-teżi ta' l-appellat sostnuta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, din kienet fis-sens illi l-bejgħ kien soġġett għall-prova u li dan kien legalment ifisser illi l-cabin cruiser kellha togħ[illegible] ...fa il-kriterji

soġġettivi tiegħu: u sa kemm hu ma esprimiex l-approvazzjoni tiegħu il-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ kienet sospiża: u meta hu, fil-fatt, iddeċida li ma jridx ikompli bixxiri; il-proposta tal-kuntratt waqgħet fix-xejn; u dan kollu *indipendentement* mill-fatt jekk *oġġettivament* il-cabin cruiser kellhiex tassew difetti. Din ir-riċerka ta' l-aħhar—sostna l-appellat — kienet, għal dawn il-finijiet inutili; u kien appuntu għalhekk illi hu insista li ma kienx il-każ li l-periżja tibqa miexja, u ried deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni qabel ma ssir il-perizja.

Wieħed, għalhekk, jeħtieġ li jeżamina fl-ewwel lok jekk hiex valida dik il-pretensjoni ta' l-appellat.

Il-bejgħ soġġett għall-prova hu, fil-liġi tagħna, kontemplat fl-artikolu 1401 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:—

"(1) Kwantu għal dawk il-ħwejjeġ, li tagħhom skond l-użu jew bis-saħħa ta' patt espress, għandu, qabel ix-xiri, isir l-assaġġ jew il-prova, ix-xerrej mhux obbligat sa kemm ma jkunx appruvahom.

(2) Ma dan kollu, dan ma jgħoddx meta l-ħaġa, li tagħha, skond l-użu biss, u mhux bis-saħħa ta' patt espress, għandu, qabel ix-xiri, isir l-assaġġ jew l-prova m'għandhiex tissoddisfa l-gost jew il-fehma tax-xerrej innifsu, iżda l-assaġġ jew il-prova jsiru biss sabiex jinsab jekk il-ħaġa hiex tajba u kummerċjabbli; u f'dan il-każ, jekk il-ħaġa hija ħaġa ċerta, u jekk jkun sar il-ftehim fuq il-prezz, huma obbligati ż-żewġ partijiet, iżda l-ftehim jitqies li jkun sar taħt kondizzjoni sospensiva u x-xerrej hu obbligat jirċevi l-ħaġa u jħallas il-prezz tagħha jekk jiġi ippruvat li din il-ħaġa hija tajba u kummerċjabbli, għalkemm hu ma jkunx ap-

pruvaha."

Fis-sentenza "Balbi vs Mifsud" (*Vol.* XVIII, iii, 15) intqal *illi* "dei confronto delle due disposizioni sembrerebbe a prima lettura risultare che allorquando il patto delle prova è espresso, non vi sia mai una vendita, ma un contratto unilaterale che, senza obbligare il futuro compratore, lega *il futuro venditore*, il quale non potra *ricusare la* cosa per l'indicato prezzo se l'altra parte la approva, e che l'approvazione dipende solamente dall'opinione individuale del futuro compratore. Tuttavia, come osserva li Marcadè sugli articoli 1587 e 1588 del Codice Napoleone, in sifatta questioni, qualunque si sieno le idee del *legislatore*, è *norma* suprema la comune intenzione delle parte, di guisa che devesi in ogni specie decidere in fatto, o secondo i termini della convenzione, o secondo le circostanze, quale sia state la volontà dei contraenti e darle effetto."

It-twissija kompleta tal-Marcadè ċitata f'dik is-sentenza hi din. Wara li jgħid illi l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kodiċi Napoleone huma diffiċli fl-interpretazzjoni tagħhom u taw lok għal pariri *inċerti*, issokta jgħid: "Per buona sorte esse sono vane: dappoichè *qualunque siensi* le idee del legislatore, bisogna sempre ed unicamente investigare e sanzionare quelle che hanno avuto le parti. Qui tutto riducesi a semplici quistioni d'intenzioni: dovrà il magistrato, in ogni specie, decidere in fatto, o secondo i termini della convenzione, o a *norma* delle circostanze, qual *sia* stato la volontà dei contraenti, e darle effetto." (Ed. 1858. art. 1587 — 1588, § II. Vol. III Lib. III p. 115).

Din it-twissija hi wisq salutari. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu, 1966 fil-kawża "Pace Bonello vs. Hayward" intqal illi, mill-artikolu 1401 hawn fuq imsemmi

tal-Kodiċi tagħna jidher illi meta hemm il-patt tal-prova qabel il-bejgħ b'mod espress, fi kliem ieħor meta l-prova, bis-saħħa tal-patt espress, hi preordinata għal bejgħ eventwali, hemm biss negozju unilaterali, ċioè obbligazzjoni biss da parti tal-venditur, li jitbiddel f'wieħed bilaterali jekk u in kwantu il-promissarju, ċioè il-kompratur prospettiv japprova. Imma b'din ir-regola b'kollox, is-soluzzjoni f'każ partikolari, tiddependi miċ-ċirkostanzi tiegħu. Difatti f'dak l-istess każ il-Qorti irriteniet illi, għal kemm kien hemm il-patt tal-prova, iċ-ċirkostanzi kienu juru illi l-intenzjoni tal-partijiet ma kienitx dik illi jassoġġettaw il-konklużjoni tal-kuntratt tal-bejgħ għall-approvazzjoni dipendenti mis-sempliċi arbitriju ta' l-eventwali xerrej, iżda kienet li jikkonkludu l-bejgħ iżda taħt kondizzjoni sospensiva.

Issa meta dan ta' l-aħħar ikun il-każ l-apprezzament tar-riżultati tal-prova mhux rimess għall-volontà jew għall-impressjoni personali tal-kompratur: ir-riżultati għandhom jiġu valutati obbjettivament. Meta l-patt tal-prova tal-ħaġa mibjugħa jidher li jkollu li skop mhux li jissoddisfa il-gost personali ta' l-akkwirent, iżda dak li jikkonstata jekk il-ħaġa għandhiex il-kwalitajiet li jirrenduha adatta, il-venditur jista' kontra r-rifjut tal-parti l-oħra jagħmel il-prova, anki għall-bżonn permezz ta' perizja, li l-ħaġa mibjugħa għandha dawk il-kwalitajiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-każ preżenti, il-patt ma kienx li l-prova ssir qabel il-bejgħ, u biex, jekk fil-prova, il-cruiser togħġob lill-appellat, il-bejgħ ċertament isir. Il-konklużżjoni li għandha tinġibed mill-provi hi, kif din il-Qorti jidhrilha, illi l-kuntratt ta' bejgħ u xiri sar u ġie konkjuż u l-aktar li jista jingħad favur l-appellat huwa illi dak il-bejgħ kien soġġett għall-kondizzjoni sospensiva illi l-cruiser tirriżulta 'in good working order' fil-konsenja. Forsi ak-

tar minn kondizzjoni sospensiva dik kienet aktarx garanzija espressa da parti ta' l-appellanti illi ċioè li l-cruiser fil-konsenja kellha tkun fi stat effiċjenti ta' funzjonament. L-appellanti dan jammettuh. Għal kull fini prattika, f'dan il-każ partikolari, ma jidhirx illi d-distruzjoni tagħmel differenza.

L-ewwel Onorabbli Qorti bdiet biex osservat, preżumibilment bħala indizju ta' kemm il-prova qabel il-bejgħ kienet neċessarja, illi l-appellanti kienu ħadmu din il-cruiser bħala diletanti bla ma qatt qabel kellhom esperjenza ta' kostruzzjonijiet oħra tal-baħar. Iżda mill-provi jidher li l-appellant dak il-fatt kien jafu u b'dana kollu indubbjament għajjar li jixtri. Osservat ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-magni ma kienux ġodda u, trattandosi ta' biċċa inġenji tal-baħar, l-appellat kellu raġun jeżamina sewwa dak li sejjer jixtri biex ma jinkorrix fir-riskju li l-oġġett mixtri jkun inservibbli għalih jew perikoluż. Iżda dan ma jippruvax illi allura l-ftehim bilfors għandu jitqies li kien kif pretiż mill-appellat ċioè ta' prova qabel il-bejgħ b'mod illi n-nuqqas ta' approvazzjoni da parti tiegħu awtomatikament kien ifisser in-nuqqas ta' konklużjoni tal-kuntratt. L-ewwelnett, kif din il-Qorti osservat fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju, 1937 fil-kawża "Farrugia vs Muscat", għalkemm normalment hu raġonevoli li bniedem okulat jassoġġetta x-xiri ta' magna tal-baħar għall-prova preċedenti, ma jistax jiġi eskluż "a priori" illi jistgħu jingħataw każijiet fejn jew minħabba ċerta fiduċja li tista eventwalment tirriżulta infondata, jew minħabba inesperjenza inavvedutezza jew anki mħabba ċertu sens ta' rġulija li mhux dejjem hu ekonomikament profittevoli, isir diversament". Fit-tieni lok għal kull apprensjoni raġonevoli da parti ta' l-appellat kien jovvja il-fatt illi, fil-konsenja l-cruiser kellha tkun fi stat tajjeb ta funzjonament.

Fis-sentenza appellata, ittieħed ukoll argoment avvers għall-appellanti mill-fatt illi, wara l-ftehim tal-bejgħ, il-cruiser baqgħat fil-possess ta' l-appellanti u ma ġietx konsenjata lill-appellat. Iżda anqas dan m'hi prova illi l-bejgħ ma sarx, għax bejn il-partijiet, it-tradizzjoni jew konsenja tal-ħaġa m'hix kondizzjoni indispensabbli għall-perfezzjoni tal-kuntratt.

Jibqa għalhekk li wieħed japprezza sewwa l-provi biex jistabbilixxi dak li realment kien il-ftehim fil-każ preżenti. It-teżi ta' l-appellanti kif ġa intqal hija illi bejnhom u l-appellat il-bejgħ tal- cruiser ġie konkjuż, iżda huma intrabtu bil-kondizzjoni illi, fil-konsenja il-cruiser tkun fi stat tajjeb ta' funzjonament. Fil-fehma tal-Qorti din it-teżi tirriżulta abbondantement pruvata.

L-appellant Francis Borg xehed illi, meta ftehmu ma l-appellat fuq il-prezz u kienu ġa qalulu illi l-magni ma kienux ġodda, hu issuġġerixxa lill-appellat biex il-cruiser jippruvaha l-baħar qabel ma jixtrieha. L-appellat ma aċċettax din il-proposta għax il-cruiser kienet għoġbitu u kellu fiduċja fihom u kien sejjer jixtriha bħala kapriċċ, biss baqgħu illi jekk jirriżulta li kien hemm xi ħaġa li m'hix 'in order' jirranġawhilu. Di fatti huma għamlu alterazzjonijiet biex ineħħu xi difetti li immanifestaw ruħhom fil-provi li saru, appuntu biex huma stess (l-appellanti) jissoddisfaw ruħhom, li meta jikkonsenjawha lill-appellat, tkun fi stat tajjeb. Żmien eżatt stabbilit għall-konsenja ma kienx hemm.

Din il-versjoni tal-ftehim hi, fis-sostanza rilevanti kollha tagħha, konfermata mill-appellant Martin. Ix-xhieda ta' dan hi biss aktar dettaljata. Hu jikkonferma illi, meta l-appellat offra £1700 bħala prezz, l-appellant l-ieħor qallu: "why don't you wait till the cabin-cruiser is ready so that

*you might have a chance of trying it on the sea"*; *however the (respondent) refused this proposal saying that he liked the boat and that he had faith in the work, in us, and that he was buying it as a caprice."* L-appellat talab għal xi extras ċioè *canvas cover* għall-*cockpit, extra water-pump* u set ta' erba *fenders* u xi għodod u l-appellanti aċċettaw li dawn l-extras ikunu kompriżi fil-prezz. Il-ftehim kien illi l-cabin cruiser kellha tiġi konsenjata lill-appellat f'kondizzjoni soddisfaċenti ta' funzjonament. Għal dan il-fini l-appellanti stess kellhom jittestjaw il-cruiser fil-baħar. Hu (Martin) mill-ewwel qal lill-appellat illi jista jkun illi li skrejjen jkollhom bżonn jinbidlu. Żmien stabbilit għall-konsenja ma kienx hemm: l-appellat stess qalilhom: *take the time you like provided you would give me the boat in a satisfactory condition"*. Fil-kors tat-tests irriżulta illi tassew kien hemm bżonn ta' tibdil ta' l-iskrejjen u xi aġġustamenti oħra. Dawn saru u fit-tieniet test, ħlief li waħda mill-magni ma qabditx minħabba *blockage* fil-*petrol pipe* li ġie irrangat f'ħames minuti wara li ġie skopert, *"there was no other defect either in engines or in the boat"*. F'din l-okkażżjoni hu kien soddisfatt illi l-cruiser kienet lesta biex tista tiġi konsenjata u hu qal lill-appellat illi kienet f'kondizzjoni tajba u l-appellat sata jżommha.

Jekk il-ftehim kien kif jgħidu l-appellanti — u l-Qorti, kif ġa intqal, tirritieni li kien — allura il-bejgħ sar, biss soġġett għall-kondizzjoni jew bil-garanzija illi l-cruiser tiġi konsenjata fi stat ta' funzjonament tajjeb. Mart l-appellant Martin xehdet illi quddiemha l-appellat iddikjara illi l-cabin cruiser kien xtraha. Hekk ukoll xehed ir-Reverendu Bernard Farrugia li qal illi darba, f'diskors ma l-appellat, dan qallu: "xtrajtha l-lanċa", u meta x'xhud staqsieh ippruvahiex l-appellat qallu: "għalfejn?" Veru illi x'xhud żied jgħid illi l-appellat ma speċifikalux liema lanċa kienet, però mid-

!iskors ix-xhud fehem li r-riferenza kienet għal-lanċa ta' l-appellanti.

Wara l-ftehim ma l-appellanti, l-appellat ottiena reġistrazzjoni ta' l-cabin cruiser f'ismu u ħallas lill-appellanti £200 "akkont tal-prezz".

Issa x'inhi l-versjoni li l-appellat innifsu jagħti tal-ftehim? Hu ma jgħidx bħala kondizzjoni anteċedenti għall-konklużżjoni tal-bejgħ: jgħid biss illi wara li ftehmu fuq il-prezz l-appellant Martin ipprometta li jikkonsenja l-cruiser f'kondizzjoni perfetta ta' funzjonament, jumejn wara li tiġi varata. L-appellat jgħid illi l-ewwel prova irriżultat disastruża. B'dana kollu meta l-appellant Martin talab li ssir prova oħra, l-appellant qallu li ma kienitx kwistjoni ta' żmien għall-provi basta jagħtuhielu fi stat tajjeb ta' funzjonament. Anki t-tieni prova, jgħid l-appellat, kienet insoddisfaċenti: Però hu aċċetta li ssir it-tielet prova u impona l-kondizzjoni li l-prova ssir flimkien ma espert. Meta saret it-tielet prova kien hemm difetti u magna minnhom intfiet. Allura malli waslu l-art hu qal lill-appellanti: "milli għidna m'hemm xejn".

Mario Nani, bin l-appellat ma kienx preżenti fil-ftehim. Hu, però, jikkorobbora 'l missieru dwar id-difetti li, hu qal illi: immanifestaw ruħhom fil-cruiser waqt il-provi. "Meta wasalna l-art (wara t-tielet test)" — qal ix-xhud — "il-papà iddeċida li ma jridhiex. (L-appellanti) irrispondew li dawn l-affarijiet m'għandhomx jiġu deċiżi fuq il-post u talbu li immorru d-dar". Jidher però li l-apppellat kien iddeċida finalment u ma sarux diskussjonijiet oħra.

In segwitu fit-22 ta' Lulju, 1963 l-appellanti iddepożitaw il-cruiser taħt l-awtorità tal-Qorti.

*Ikkunsidrat* —

*Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni fondamentali f'din il-ħawża hi jekk l-appellat satax, għab-bażi tal-ftehim kif din il-Qorti tirritieni li kien jirrifjuta, kif għamel, l-konsenja u jikkunsidra ruħu maħlul minn kull ftehim ma l-appellanti:* Kieku l-patt kien illi l-prova kellha ssir **preordinatament għall-bejgħ**, biex l-appellat, bħala xerrej prospettiv, jara jekk il-cruiser **tgħoġbux**, id-deċiżżjoni unilaterali tiegħu kienet tkun finali u inkontrollabli. Iżda dak ma kienx il-patt. Ix-xorti sar u l-patt kien biss, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellanti jikkonsenjalu l-cruiser fi stat tajjeb ta' funzjonament. Ċertament il-Qorti tifhem illi, in bażi għal dan il-ftehim, l-appellat ma kienx obbligat illi jippermetti lill-appellanti li jibqgħu sejrin bit-tests indefinitivament sa kemm eventwalment jkunu jkunu, fil-fehma tagħhom soddisfatti li setgħu jademplixxu dik l-obbligazzjoni tagħhom. Iżda t-tielet test ġie aċċettat li jsir mill-istess appellat u il-kwistjoni jekk, wara dan it-test, il-cruiser kienitx fi stat tajjeb ta' funzjonament ma kienitx kwistjoni li setgħat tiġi risoluta bid-deċiżjoni unilaterali, u soġġettiva biss ta' l-appellat. Hu jgħid illi anki f'dan it-test irriżultaw difetti gravi. L-appellanti, però, mill-parti tagħhom jgħidu illi, ħlief illi waħda mill-magni waqfet imħabba li stadd pipe tal-petrol, la l-magna u lanqas ebda parti tal-cabin cruiser ma kellhom ebda difetti.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dan il- konflitt ta' xhieda u fuq l-provi biss li hemm fil-proċess, mingħajr speċjalment ma saret il-perizja, jista jiġi soddisfaċentement ġudikat min minn miż-żewġ partijiet għandu raġun.

Il-lum, wara li sfortunatament għadda ċertu żmien, il-perizja saret wisq aktar diffiċli u probabilment dispendjuża. Iżda l-Qorti jidhrilha illi l-appellanti, li fi prim'istanza in-

sistew *li l-perizja kellha ssir għandu jkollhom* l-opportunità li jagħmlu l-prova li tista ssir permezz tagħha. Inoltre jista jkun ukoll illi, fuq li stat tal-cabin cruiser dak iż-żmien il-partijiet jew xi parti *minnhom għad għandhom provi* li ma tressqux, peress illi, kif ġie ġa rilevat, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet fis-sens li ma kellhomx provi oħra jidhru li kienu *limitati għall-provi fuq* it-termini tal-ftehim;

F'dan is-sens l-appell ta' l-appellanti jimmerita fil-fehma tal-*Qorti* li *jiġi milqugħ.*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi *tilqa* l-appell tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-kawża tiġi rimessa lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-deċiżżjoni mill-ġdid wara li jkunu ġew eżawriti l-provi anki, jekk tintalab il-periżja — dwar li stat tal-cabin cruiser fiż-żmien tal-konsenji offerta ċioè fiż-żmien tat-tielet test.

L-ispejjes ta' prim'istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżżjoni finali mill-ewwel Onorabbli Qorti.

L-ispejjes ta' l-appell jitħallsu mill-appellat.